KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR
Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 55

Data tal-laqgħa: 15 ta' Ġunju, 2022

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ġunju 2022 fil-5.30p.m.*

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| Assenti b'appoloġija | Marilena Hassan |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**55/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**55/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittri ta' apoloġiji tal-Viċi Sindku Marilena Hassan u tal-Kunsillier Carl Grech biex jiġu skużati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala Assenti b'appoloġija.

**55/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 53 u 54**

**55/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**55/02/02** **Para 53/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wħud mit-tabelli għal mal-*bollards* lesti.

**55/02/03** **Para 53/02/03:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki talbet appuntament mal-Onor. Dr Clifton Grima.

**55/02/04** **Para 53/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar nitolbu laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**55/02/05** **Para 53/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar nitolbu laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu għelieqi abbandunati li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**55/02/06** **Para 53/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal darb'oħra kkuntattjat lil Planning Authority fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**55/02/07** **Para 53/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl il-Planning Authority għad trid tieħu deċiżjoni.

**55/02/08** **Para 53/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**55/02/09** **Para 53/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet lil Infrastructure Malta fuq il-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero.

**55/02/10** **Para 53/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**55/02/11** **Para 53/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* għalissa għadha pendenti.

**55/02/12** **Para 53/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-*information panel* ta' Superjur Guido Tanti jonqos li nakkwistaw ritratt tiegħu.

**55/02/13** **Para 53/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lill-kuntrattur fi tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi.

**55/02/14** **Para 53/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Enemalta ma approvatx li ssir bozza ġdida fi Sqaq tal-Ferħa.

**55/02/15** **Para 53/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos.

**55/02/16** **Para 53/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Enemalta ma approvatx li ssir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina.

**55/02/17** **Para 53/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li cover għal platform lift għadha ma saritx.

**55/02/18** **Para 53/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni tal-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 ma smajna xejn.

**55/02/19** **Para 53/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ ħnejjiet ta' Ġnien il-Paċi għandhom ikunu lesti għada.

**55/02/20** **Para 53/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekkja tistax issir mejda ta' chess/tennis fil-Ġnien ta' top of the world.

**55/02/21** **Para 53/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet lil Lands Authority rigward il-proposta biex it-Torri tas-Semaforu jinbidel f'Mużew tal-Komunikazzjoni bir-Radju.

**55/02/22** **Para 53/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv talbet laqgħa ma' Sur George Abdilla rigward it-talba għal antenna fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**55/02/23** **Para 53/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-iskema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023 ma smajna xejn.

**55/02/24** **Para 53/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rubber għal ma' kantuniera fi Triq Ferdinandu saret.

**55/02/25** **Para 53/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret tabella li tindika li Triq Mons. L. Catania tidjieq.

**55/02/26** **Para 53/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont Transport Malta mhux ideali biex tipparkja quddiem dak il-garaxx fi Sqaq tal-Ħofra u li l-STOP ta' mal-art qeda tajba. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-STOP ta' mal-art tersaq iktar 'il quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/02/27** **Para 53/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella li tindika li tabella Għargħur → għal Birguma Bypass saret.

**55/02/28** **Para 53/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċċirkolat l-informazjoni dwar il-ġemellaġġ mal-Kunsilliera.

**55/02/29** **Para 53/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret tabella *no heavy vehicles* fi Triq Katerina Sammut.

**55/02/30** **Para 53/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Kunsill kien approva kaxxa safra fi Triq San Ġwann quddiem *construction site*, iżda s-Sid ma jrid xejn.

**55/02/31** **Para 53/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar 1m *double yellow line* mal-ġenb tal-knisja.

**55/02/32** **Para 53/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġa għal Għawdex kienet suċċess.

**55/02/33** **Para 53/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna *blower* minħabba l-weraq li jwaqqgħu s-siġar.

**55/02/34** **Para 53/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sa. Nathalie Micallef lestiet it-tpinġija fuq it-tankijiet użati fi Ġnien il-Paċi.

**55/02/35** **Para 53/08/01:** Ġie deċiż li l-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul minn Christopher Falzon bħala c-Chairperson, Tiffany Ann Attard, Paul Bugeja u Duncan Hall bħala evalwaturi kif ukoll Maria Tanti bħala Segretarju.

**55/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**55/03/01** Is-Sindku qalet li ltaqgħet ma' uffiċjali mill-Ministeru ta' Turiżmu sabiex jibdlu l-bankijiet u l-bins kollha ta' Triq Għaxqet l-Għajn. L-ewwel li ħa jibdlu l-bankijiet u l-bins ta' naħa ta' searchlight battery. Ix-xogħol ħa jibda wara s-Sajf u għandu jkun lest sal-aħħar ta' din is-sena.

**55/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**55/04/01** Ma kienx hemm.

**55/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**55/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 18 ta' Mejju 2022).

**55/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 25 ta' Mejju 2022).

**55/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – Pocket Parks.

**55/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 1 ta' Ġunju 2022).

**55/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 8 ta' Ġunju 2022).

**55/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Charlene Cassar – Installation of charging pillars in your locality in 2022.

**55/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – Għargħur Bolol Reġjonali.

**55/05/08** Fuq it-talba għal bozza ġdida fi Triq l-Indipendenza ħdejn id-*dog bin*. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw ma' Enemalta .

**55/05/09** Fuq it-talba għal żewġ *sleeping police* fi Triq San Ġwann. Is-Sur Abraham Aquilina qal li ma tantx jaqbel li jsiru. Ġie deċiż li nsaqsu lir-residenti jekk iriduhomx

**55/05/10** Fuq it-talba għal żewġ *sleeping police* fi Triq S. Zerafa. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax ir-residenti ma jriduhomx.

**55/05/11** Fuq it-talba għal *double yellow line* faċċata tal-garaxx 22/24 Triq l-Isqof S. Gaffiero. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**55/05/12** Fuq it-talba għal sinjal minn fejn jibda u jispiċċa l-parking ta' Triq Fra D. Mifsud. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/05/13** Fuq it-talba għal tabella ta' *No Parking* fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/05/14** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru karru għal Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/05/15** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li Sur Trevor Zahra jaqra xi poeżiji waqt is-serata tal-Unur Excelsior. Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li jinqraw poeżiji ta' Sur Karmnu Sant. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/05/16** Fuq it-talba biex il-Kunsill jappella fuq il-permess PA/00403/22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/05/17** Fuq it-talba għal *dog bin* fi Triq il-Ġdida. Ġie deċiż li ssir *site visit.*

**55/05/18** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ser iħallas (€5000) għal *feature* li ħa jintwera waqt l-inawgurazzjoni tal-monument il-ġdid ta' San Bartilmew.

**55/05/19** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li mal-*bollards* tal-Kunsill isir xi tip ta' dawl jew fluorescent tape peress li ġieli jintuzaw filgħaxija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/05/20** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jinqata' l-ħaxix ta' Xwieki Housing Estate. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lill-kuntrattur.

**55/05/21** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li noġġezzjonaw fuq l-applikazzjoni għal bini ta' dar tal-anzjani fi Sqaq l-Imnieqa, Naxxar, minħabba l-problema ta' traffiku. Is-Sur Christopher Fenech qal li hu mhux kontra li tinbena dar tal-anzjani u li jekk ħa noġġezzjonaw fuq il-policy għax fuq art ODZ. Is-Sindku qalet li aħjar tinbena dar tal-anzjani minflok l-istrutturi abbandunati li hemm bħalissa.

**55/05/22** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li niżbgħu l-ħitan tal-Ġnien ta' Żagħruna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/05/23** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li insibu animator għal waqt il-Water Games. Il-Kunsill qabel unanimament.

**55/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**55/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**55/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**55/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Lulju 2022 fil-5:30p.m.

*( firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**